MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru. 1036/2002

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Brooks Espedito Lia, iben
Vincent, imwieled Pieta'
fid-9 ta' april, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-12 ta' diċembru, 2002 minn ġewwa Triq it-Tomna, Swieqi bejn is-1.00 p.m. u it-3.30 p.m. ikkometta serq ta' stereo tal-marka Marquant, mudell MCR-240 minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBM 303, tal-għamla Maruti, għad-dannu ta' Josephine Caruana mis-Swieqi liema serq hu aggravat
bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. talli fl-istess data, ħinijiet u lok taħt l-istess ċirkostanzi bil-ħsieb li jikkometti serq minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBA 994, tal-għamla Suzuki, għad-dannu ta’ Michela Giordano mis-Swieqi, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ ta’ l-istess Brooks Espedito Lia;
3. talli fl-istess data, ħinijiet u lok taħt l-istess ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBM 303 għad-dannu ta’ Josephine Caruana u fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBA 994 għad-dannu ta’ Michela Giordano mis-Swieqi liema ħsara teċċedi il-mitt lira maltin (Lm100) iżda ma teċċidiex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputat bħala reċidiv u dan skond diversi sentenzi li saru definittivi mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta, kif ukoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ diċembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u il-bilanċ ta’ Lm197 danni qed jitħallsu b’rati mensili.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 261(g), 271(g), 41(1)(a), 261(g), 271(g) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta għal żmien tlett snin taħt is-sorveljanza
tal-Probation Officer Michelle Sultana. Inoltre, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446
tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ Lm197 danni fi żmien sena mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------